**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 11 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru. 95/2023 GM**

**Volker Ramge (detenur tal-passaport Ġermaniż numru C1LW7TZX4)**

**vs**

**European Lotto And Betting Limited (C-84690) u Deutsche Lotto Und Sportwetten Limited (C-90866)**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment li qed jingħata fuq talba tal-partijiet magħmula b'rikors konġunt tat-13 ta' Ġunju 2023 biex issir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja (QĠUE).

Fil-kawża li tat lok għal din it-talba l-attur qiegħed jitlob, preordinatament għal talbiet oħra konsegwenzjali, lil din il-Qorti tiddikjara li bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' liċenzja maħruġa mill-Awtoritajiet Ġermaniżi sabiex is-soċjetajiet

intimati jew xi waħda minnhom joffru s-servizzi ta' logħob onlajn, dawn kienu qegħdin joperaw ġewwa t-territorju Ġermaniż b'mod illegali u kontra r-regolamenti tal-liġijiet tal-Ġermanja (billi ppermettiet jew ippermettew li jseħħu transazzjonijiet mhux awtorizzati skont il-liġi tal-Ġermanja). Is-soċjetajiet konvenuti eċċepew li l-liġi tal-Ġermanja applikabbli ma tistax tiġi applikata minn din il-Qorti billi mhix konformi mal-Art. 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja.

Fit-talba odjerna l-partijiet iqisu li għall-aħjar direzzjoni ta' din il-Qorti fuq din il-materja li tirrigwarda interpretazzjoni tat-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja  għandha tintalab direzzjoni mill-QĠUE.

**L-għan ta' Riferenza** għal deċiżjoni preliminari lill-QĠUE taħt l-artikolu 267 tat-Trattat[1] minn qorti nazzjonali ta' Stat Imsieħeb fl-Unjoni Ewropeja huwa dak li jgħin lil qorti nazzjonali ta' Stat Imsieheb tasal biex tagħti deċizjoni dwar Dritt Komunitarju li tkun taqbel mat-tifsira accettata tal-istess Dritt. Sewwasew għaliex Riferenza taf tkun ta' għajnuna lill-qorti li tagħmilha, trid issir meta c-cirkostanzi **tabilhaqq juru li jeħtieg li ssir**. Dan jingħad għaliex ma għandha ssir l-ebda Riferenza fejn il-kwistjoni rinvjata lill-QĠUE **ma tkunx rilevanti jew meħtieġa** għas-soluzzjoni tal-episodju ġudizzjarju fil-kawża prinċipali, jew fejn dik il-Qorti tkun diġà tat il-fehma ċara tagħha u stabbiliet x'għandha tkun it-tifsira awtentika ta' dik in-norma Komunitarja.[2]

Huwa stabbilit li hemm tliet ċirkostanzi magħrufa mid-duttrina u mill-ġurisprudenza fejn qorti nazzjonali **m'hijiex marbuta li tgħaddi biex tressaq Riferenza** għal deċizjoni preliminari lill-QĠUE:

[1] li qabel kien l-artikolu 234 tat-TEU.
[2] **eHealth Limited vs Sergio Giglio et** (App 19/07/2019).

(i) meta l-mistoqsija tkun waħda li dwarha l-QĠUE tkun diġa` tat it-tweġiba tagħha.

(ii) fejn it-tweġiba għall-mistoqsija tista' tinstilet bla xkiel minn sentenzi (***acte éclairé***) lil hinn min-natura jew l-għamla ta' proċeduri li wasslu għal dawk id-deċizjonijiet u

(iii) fejn it-tħaddim tal-liġi Komunitarju huwa daqstant ovvju li ma għandu jħalli l-ebda dubju dwar it-tweġiba li tista' tingħata lill-mistoqsija riferita (***acte clair***).[3]

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kwistjoni mhix waħda li l-Qorti Ewropeja diġa` tat tweġiba għaliha. Lanqas ma jidher li f'dan il-każ it-tħaddim tal-liġi kommunitarja invokata f'din il-kawża hija kwistjoni legali li tista' tiġi deċiża minn qari biss tal-liġi mingħajr l-għajnuna tal-Qorti Ewropeja.

Il-materja hija waħda delikata u ta' interess nazzjonali b'riperkussjonijiet serji ħafna għall-industrija tal-logħob onlajn f'Malta li hija waħda ta' importanza kbira għall-ekonomija ta' Malta.

Il-Qorti hi konvinta li f'dan l-istadju hu bżonnjuż li ssir ir-referenza u għalhekk **tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex tagħmel referenza lill-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja** u titlob li tali referenza tiġi ttrattata kemm jista' jkun malajr.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[3] K. Lenaerts, I Masalis, K Gutman, JT Nowak (ed.) E.U. Procedural Law (OUP 2014) §§ 3.51 – 3.55 f'paġ. 98 – 101.